**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Illum, 1 ta' Settembru, 2020**

**Seduta Qormi**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Antoine Deemer Bonnici**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Antoine Deemer Bonnici, bil-karta tal-identità numru 29994M, li permezz tagħhom ġie akkużat li:

*...f' 05.03.2019 għall-ħabta ta' bejn 08.40hrs u 09.00 hrs gewwa Triq Salib Tal-Imrieħel, Imrieħel l/o Qormi*

1) *Inġurjajt u heddidt lil Natalina Said, uffiċjal pubbliku tal-LESA bi kliem*
2) *U Aktar talli fl-istess ċirkostanzi heddidt lil Natalina Said nkarigata skond liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet għamlet dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbeżżagħha jew tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-eskuzzjoni ta' dak servizz.*

*Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.*

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-artikoli indikati;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ġie akkużat ai termini tal-artikolu 95 u l-artikolu 339(1) ( e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu 95 ġie studjat minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) Vs Renald Briffa,</u>** fejn intqal:

> *"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja jew theddid fil-konfront tal-uffiċjal pubbliku. Illi għalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-inġurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, ġesti jew tpinġija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-ġieħ u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*
>
> *Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista'jkun biss l-uffiċjal pubbliku u l-inġurja jew it-theddida trid issir jew:*
>
> *(1) filwaqt illi ikun qed jagħhmel servizz pubbliku ;*
> *(2) jew inkella minħabba li jkun għamel dana s-servizz pubbliku;*
> *(3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-inġurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza msemmija fil-liġi. Dana billi meta l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti s-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżerċita.*

*L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sus sisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewġ istanzi l-oħra irid ikun jiġi ppruvat nexus bejn l-oltraġġ u l-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid neċessarjament jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **<u>The Police Vs Elena Anatolievna Camilleri</u>**, deċiża fit-30 ta' Mejju 2019, spjegat li:

*For this crime to subsist it is imperative that the prosecution proves that the accused/ appellant "reviled, or threatened, or cause a bodily harm to the police officers charged with a public duty, while in the act of discharging their duty or because of them having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence them in the discharge of such duty,"*

*It appears that the appellant was angry and told the police to 'fuck off "and that they have the pistols and the authority to get her daughter back. But at no point in time did she threaten them or cause bodily harm. If one where to see the*

*definition of the word 'revile' this means reprehend, reprobate. attack, blame, blast, criticize. Thus the words uttered by the appellant were not such as to amount to vilification of a public officer whilst discharging his duty.*

Minn eżami tal-provi prodotti, jidher li l-imputat, anke *a tempo vergine,* ammetta li huwa nsulenta lill-uffiċjal pubbliku in kwistjoni billi qallilha *kiesħa.* Fis-smigħ tal-kawża, entrambi l-parti leża u l-imputat, ikkonfermaw li ntqal kliem versu l-parti leża mill-imputat, billi din ġiet imsejħa *kiesħa* u *dardira.* Madanakollu l-imputat dejjem ċaħad, anke *a tempo vergine*, illi qal lill-uffiċjal pubbliku xi kliem fis-sens li ser iwaqqafha mix-xogħol. Dejjem ċaħad ukoll li għamel xi ġesti li setgħu joffendu lill-uffiċjal pubbliku.

Għalhekk, il-Qorti hija rinfaċċata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti għal dak li jirrigwarda l-allegat kliem li ntqal, fis-sens li l-imputat kien ser iwaqqaf lill-uffiċjal pubbliku minn xogħolha, u għal dak li jirrigwarda l-ġesti li allegatament saru.

Il-Qorti wara li fliet għal darb' oħra l-provi prodotti, tqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni, fis-sens li rnexxileha tipprova li l-imputat inġurja lil Natalina Said bi kliem. Madanakollu, ma tqisx li ġew ippruvati l-estremi tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dana iktar u iktar meta l-imputazzjoni li nħarġet kienet li l-imputat hedded lill-uffiċjal pubbliku, u mhux li inġurja lill-uffiċjal pubbliku waqt qadi ta' dmirijietu.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95(1), 339(1)(e ) u 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lil Antoine Deemer Bonnici mit-tieni imputazzjoni, u qed issib lil Antoine Deemer Bonnici hati tal-ewwel imputazzjoni mressqa kontra tiegħu, filwaqt li qed tikkundannah għal ħlas ta' ammenda ta' tmiena u ħamsin Ewro (€58.00).

Inoltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lill-ħati b'garanzija personali ta' ħames mitt Ewro (€500.00) għal

żmien sena mil-lum, sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew jimmolesta lil Natalina Said.

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Reġistratur